

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-485 SESSJONI PLENARJA TAT-12 U T-13 TA' DIĊEMBRU 2012

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KEE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010”**

COM(2012) 280 final – 2012/0150 (COD)

(2013/C 44/12)

Relatur: **is-Sinjura ROUSSENOVA**

Nhar il-5 u l-10 ta’ Lulju 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iddeċidew rispettivament, b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KEE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010*

COM(2012) 280 final — 2012/0150 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta’ Novembru 2012.

Matul l-485 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-12 u t-13 ta’ Diċembru 2012 (seduta tat-12 ta’ Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’153 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 3 astensjonijiet.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa’ bi pjaċir il-proposta leġislattiva għal qafas imfassal biex jindirizza l-kriżijiet tal-banek minn qabel ma jseħħu, iħares l-istabbiltà finanzjarja u jnaqqas il-piż fuq il-finanzi pubbliċi billi jintroduċi għodod ġodda ta’ prevenzjoni, intervent bikri u riżoluzzjoni. L-iżgurar tar-riżoluzzjoni effettiva ta’ istituzzjonijiet finanzjarji li qed ifallu fl-Unjoni Ewropea huwa element essenzjali tat-tlestija tas-suq intern. Il-KESE jappoġġja l-introduzzjoni tal-għodod proposti iżda jixtieq jara aktar ċarezza dwar l-għodod il-ġodda u dawk li ma ġewx ittestjati fi kriżijiet sistemiċi. Il-KESE jittama li l-kontentut tad-Direttiva inkwistjoni jiġi kkoordinat mad-dispożizzjonijiet dwar l-Unjoni Bankarja.

1.2 Il-KESE jaċċetta l-proposta li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, f’konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom ifasslu u jaġġornaw il-pjani ta’ riżoluzzjoni. Il-Kumitat huwa

konvint li l-ippjanar u l-aġġornar tar-riżoluzzjonijiet, kemm b’mod individwali kif ukoll fi gruppi, jitjiebu jekk il-banek jiġu involuti fil-proċess ukoll. Fejn ikun f’postu, għandhom jittfittxu wkoll il-pariri professjonali ta’ partijiet interessati oħrajn li jistgħu jiġu affettwati mill-pjani ta’ riżoluzzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti, pereżempju organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, rappreżentanti tat-trejdjunjns, eċċ.

1.2.1 Il-banek ċentrali, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu valutazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku, u l-KESE jirakkomanda li jiġu involuti fil-valutazzjoni tal-pjani ta’ rkupru u riżoluzzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rispettata kompletament l-indipendenza tagħhom.

1.3 Ir-rekwiżiti ta’ kunfidenzjalità rigward l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u l-pjani ta’ rkupru u riżoluzzjoni tagħhom għandhom

jissaħħu. Dispożizzjonijiet speċjali fid-Direttiva għandhom jiggarran-tixxu li l-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati kollha involuti fl-abbozzar, l-aġġornar u l-valutazzjoni tal-pjani ta' rkupru u riżoluzzjoni tal-banek jirrispettaw b'mod strett il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni rilevanti.

1.4 Il-KESE jilqa' bi pjaċir id-dispożizzjonijiet proposti li jippermettu l-introduzzjoni ta' regoli u kundizzjonijiet armonizzati li taħthom għandu jiġi pprovdut l-appoġġ finanzjarju ġewwa l-grupp u fl-istess ħin jinnota li l-protezzjoni tal-interessi u d-drittijiet taċ-ċessjonarji u tat-trasferituri għandha tkun bilanċjata tajjeb meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom dwar l-appoġġ. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(1) u jipproponi li jitwessa' r-rekwiżit fl-Artikolu 19(1)(f) biex jinkludi wkoll kwalunkwe **rekwiżit ogħla ta' fondi proprji u likwidità** imposti mir-regolaturi tal-pajjiż tat-trasferitur.

1.5 Il-kundizzjonijiet ewlenin li jwasslu għall-ħatra ta' maniġer speċjali huma kwistjoni li trid titwieżen mill-awtoritajiet kompetenti. Il-KESE jaċċetta l-hteġa li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ċerta setgħa, iżda meta jqis **ir-rwol u s-setgħat sinifikanti** mogħtija lill-manigiers speċjali, il-Kumitat iħeġġeġ livell ogħla ta' ċertezza għall-istituzzjonijiet billi jiġu **introdotti regoli u kundizzjonijiet ta' skattaturi espliċiti u definiti b'mod aktar ċar.**

1.6 Il-ħatra ta' maniġer speċjali hija miżura ta' intervent bikri intrużiva ħafna li għandha tiġi applikata wara li jkun diġà intużaw il-miżuri inqas intrużivi l-oħra kollha. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni tmur ħafna għall-aġar f'temp qasir wisq u jkollu jinħatar maniġer speċjali mingħajr l-istennija li jiġu implimentati l-miżuri ta' intervent bikri inqas intrużivi proposti fl-Artikolu 23(1). Taħt dawn iċ-ċirkostanzi għandu jkun possibbli li jinħatar maniġer speċjali anke jekk ma tkunx intlaħqet waħda mill-kundizzjonijiet ta' skattatura deskritti fl-Artikolu 24 (jiġifieri "... miżuri oħra li jittieħdu skont l-Artikolu 23 mhumiex biżżejjed biex jirriversjaw dik id-deterjorazzjoni ...").

1.7 Is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom b'żonn ta' aktar distinzjonijiet u kjarifiki. Filwaqt li l-awtoritajiet/superviżuri kompetenti huma responsabbli mill-intervent bikri, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni huma responsabbli mill-għażla u l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni. Madankollu, f'xi każijiet, ċerti responsabbiltajiet jitwettqu kemm mis-superviżuri kif ukoll mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni. Skont l-għażliet li jkunu għamlu l-manigiers speċjali, is-superviżuri jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet tal-awtorità tar-riżoluzzjoni iżda ż-żewġ funzjonijiet għandhom ikunu separati sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' tolleranza. Il-KESE jħeġġeġ li tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn il-missjoni tas-superviżuri u dik tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, kif ukoll l-iskeda tal-intervent tagħhom.

1.8 Id-Direttiva tippromovi li l-korp maniġerjali ta' istituzzjoni għandu **jinnotifika lill-awtorità kompetenti** meta jikkunsidra li l-istituzzjoni qed tfalli jew probabbli li tfalli. Il-KESE

jemmen li jekk l-inizjattiva titħalla kompletament għad-diskreżjoni tal-maniġment tal-bank, **id-deċizzjoni tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tista'** tittieħed tard wisq. Id-Direttiva m'għandha tħalli l-ebda dubju li s-superviżuri għandhom id-dritt u l-opportunità li jinfurmaw lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni mingħajr ma jistennew notifika mill-maniġment tal-bank kull meta jqisu li l-kundizzjonijiet biex tiskatta riżoluzzjoni jkunu ntlaħqu iżda n-notifika tkun qed tittardja. Għandha titlob lill-Istati Membri biex jipprevedu multi għoljin għall-manigiers tal-banek li jkunu qed jiksru r-regoli tal-prattika professjonali.

1.9 Il-firxa wiesgħa ta' setgħat mogħtija lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, flimkien mad-dritt limitat għal rimedju mogħti lil partijiet terzi, **iqajmu tħassib dwar is-solidità legali tal-qafas propost.** F'ħafna Stati Membri, speċjalment dawk li jimxu abbażi ta' ġurisdizzjoni ta' liġi komuni, il-qrati x'aktarx jipproteġu d-drittijiet tagħhom li jisimgħu każijiet dwar talbiet ta' revizzjoni ġudizzjarja ta' kwalunkwe deċizzjoni meħuda minn awtorità amministrattiva, meta individwu jew grupp ikunu jistgħu juru li sofrew b'riżultat ta' dik id-deċizzjoni. Jekk xi ħadd iħoss li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jew l-amministraturi kellhom **imġiba professjonali ħażina ħafna**, l-imħallfin biss igawdu minn tip ta' immunità għad-deċizzjonijiet meħuda fil-qrati, iżda l-ebda liġi jew regolament ma tista' testendi dan il-privileġġ għal awtorità amministrattiva bħall-awtorità tar-riżoluzzjoni, **li mbagħad tista' tinżamm responsabbli għad-danni mill-qrati.**

1.10 L-għodda tal-ippjegġjar intern jeħtieġ aktar spjegazzjonijiet u kjarifiki. Sabiex titnaqqas kemm jista' jkun kwalunkwe inċertezza fost l-investituri, għandhom jiġu introdotti regoli ċari dwar ir-responsabbiltajiet eliġibbli u l-kundizzjonijiet ta' limitu għall-ippjegġjar intern.

1.11 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-introduzzjoni ta' regoli ta' finanzjament armonizzati abbażi tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-fondi ta' garanzija tad-depożiti u l-fondi ta' riżoluzzjoni. Il-kriterji għall-kontribuzzjoni għall-fondi ta' riżoluzzjoni jidhru li huma korretti u realistiki fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali; madankollu, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji jistgħu jinbidlu f'daqqa waħda, kif rajna f'dawn l-aħħar snin. Il-KESE jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' **regola li permezz tagħha l-kriterji għall-kontribuzzjoni ex ante jkunu jistgħu jiġu riveduti minn żmien għall-ieħor.**

1.12 Filwaqt li jaċċetta l-benefiċċji potenzjali minn sinerġija possibbli ta' istituzzjoni waħda għall-fondi ta' garanzija tad-depożiti u l-fondi ta' riżoluzzjoni, il-Kumitat jilqa' bi pjaċir ukoll l-approċċ tal-Kummissjoni li jippermetti lil kull Stat Membru jiddeċiedi jekk jippreferix ikollu arranġament ta' finanzjament (fondi) wieħed jew tnejn. Fiż-żewġ każijiet, din id-Direttiva għandha tintroduċi dispożizzjonijiet realistiki li jiggarran-tixxu li l-fond ta' garanzija tad-depożiti jista' jwettaq il-funzjoni ewlenija tiegħu li dejjem jipproteġi lid-depożituri fil-livell tal-konsumaturi, billi jitqies dak li jrid jiġi stabbilit mill-Unjoni Bankarja.

1.13 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-introduzzjoni tar-riżoluzzjoni effettiva ta' istituzzjonijiet finanzjarji li qed ifallu fl-Unjoni Ewropea bħala element essenzjali tat-tlestija tas-suq intern. Sistema Ewropea ta' Arranġamenti ta' Finanzjament għandha tiżgura li l-istituzzjonijiet kollha jkunu soġġetti għal regoli ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni ugwalment effettivi filwaqt li tikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-suq uniku u tipprovdi kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni. Il-Kumitat jixtieq jara l-introduzzjoni kemm jista' jkun malajr ta' **pjan direzzjonali realistiku** għall-istabbiliment tas-sistema futura tal-arranġamenti għall-finanzjament.

1.14 Madankollu, il-KESE jittama li d-Direttiva timmira li jintlaħqu integrazzjoni u konverġenza akbar tal-legislażzjoni, l-ewwel u qabel kollox mill-pajjiżi taż-żona tal-euro.

## 2. Daħla

2.1 Il-Kummissjoni qed tipproponi Direttiva <sup>(1)</sup> li tistabbilixxi qafas ta' politika effettiv għall-**immaniġġjar ta' fallimenti ta' banek b'mod ordnat u biex jiġi evitat li l-falliment jittieħed** minn istituzzjonijiet oħrajn billi tgħammar lill-awtoritajiet rilevanti **b'għodod u setgħat komuni u effettivi biex jindirizzaw kriżijiet bankarji minn qabel ma jseħħu, jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u jimminimizzaw l-iskopertura tal-kontribwenti għat-telf**. Il-proposta attwali tispeċifika aktar il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar il-qafas tal-immaniġġjar tal-kriżijiet fis-settur finanzjarju, espressi aktar qabel f'waħda mill-Komunikazzjonijiet tagħha <sup>(2)</sup>. Il-qafas legiſlattiv il-ġdid huwa mfassal bħala alternattiva għall-proċeduri nazzjonali dwar l-insolvenzi eżistenti u s-salvataġġi finanzjarji b'mod partikolari, u huwa konformi mal-karatteristiċi ewlenin tar-reġimi ta' riżoluzzjoni effettivi għall-istituzzjonijiet finanzjarji, żviluppatti mill-Bord għall-istabbiltà Finanzjarja (FSB) <sup>(3)</sup> u l-prinċipji maqbula fil-laqgħat tal-G-20.

2.2 Is-salvataġġ finanzjarju jpoġġi piż enormi fuq il-finanzi pubbliċi, jikkawża tgħawwiġ fil-kompetizzjoni, iżid il-periklu morali, u bħalissa qed jiġi rikonnoxxut bħala alternattiva li mhijiex sodisfaċenti f'każ li l-għeluq ta' bank ikun qed jhedded li joħloq effett ta' kontagġju. **Il-qafas propost huwa mistenni li:**

- **inaqqas l-esponiment tal-kontribwenti** għall-ispejjeż tas-salvataġġ finanzjarju tal-banek;
- jipprovdi lill-awtoritajiet pubbliċi **bis-setgħat neċessarji biex jieħdu miżuri ta' prevenzjoni, jintervjenu fi stadju bikri u jiksbu riżoluzzjoni** għall-banek fi kriżi;
- **jintroduċi għodod ta' riżoluzzjoni**, inkluża l-għodda tal-ippleġġjar intern li ser tagħti lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni s-setgħa li **jbaxxu l-livelli tal-pretensjonijiet ta' kredituri mhux iggarantiti ta' istituzzjoni li qed tfalli u li jikkonvertu pretensjonijiet ta' dejn fekwità**.

<sup>(1)</sup> COM(2012) 280 final.

<sup>(2)</sup> COM(2010) 579 final.

<sup>(3)</sup> Ara Key Attributes of Effective Resolution Regimes for Financial Institutions (Karatteristiċi ewlenin ta' reġimi ta' riżoluzzjoni effettivi għall-istituzzjonijiet finanzjarji), FSB, Ottubru 2011.

2.3 Fit-12 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) għall-banek fiż-żona tal-euro. Ir-responsabbiltà aħħarija għal ħidmiet ta' superviżjoni speċifiċi relatati mal-istabbiltà finanzjarja tal-banek kollha taż-żona euro ser tkun fidejn il-Bank Ċentrali Ewropew. Is-superviżuri nazzjonali ser ikomplu jaqdu rwol importanti fis-superviżjoni ta' kuljum u fit-tnejjja u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BĊE. Il-BĊE ser ikun jista' jwettaq **miżuri ta' intervent bikri** meta bank jikser jew ikun fir-riskju li jikser ir-rekwiżiti regolatorji għall-kapital. Ladarba jinkiseb qbil dwar l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u l-proposta għal Direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, il-Kummissjoni qed tippjana li tfassal proposta għal mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni uniku, li għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-applikazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni fil-banek fi ħdan l-unjoni bankarja.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 L-avvenimenti ta' dawn l-aħħar fit snin urew li l-kriżijiet tal-banek għandhom jiġu indirizzati qabel ma jseħħu sabiex kemm jista' jkun jiġu evitati l-fallimenti tal-banek; it-tagħlima qarsa li ħadna mill-ewwel kriżi tal-2007 kienet li falliment *individwali* kbir kważi dejjem iwassal għal kriżi *sistemika* bil-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi li aħna familjari magħhom. Devjazjonijiet mill-**prinċipji** stabbiliti u **aċċettati b'mod ġenerali** tal-liġijiet dwar il-falliment imbagħad jiġu ġustifikati mill-**interess pubbliku**.

3.2 Attwalment ma hemm l-ebda **armonizzazzjoni tal-proċeduri sabiex jiġu riżolti istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell tal-Unjoni Ewropea** u l-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta legiſlattiva għal qafas li huwa mfassal biex jindirizza l-kriżijiet tal-banek minn qabel ma jseħħu, iħares l-istabbiltà finanzjarja u jnaqqas il-piż fuq il-finanzi pubbliċi billi jintroduċi għodod u proċeduri ġodda. Il-Kumitat huwa konxju li l-għodod u l-proċeduri ġodda ta' prevenzjoni, intervent bikri u riżoluzzjoni waħedhom ma tantx jistgħu jsoġu l-kriżijiet sistemiċi, iżda jekk jiġu applikati b'mod adegwat u konsistenti, jistgħu jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tagħhom. Filwaqt li jappoġġja l-introduzzjoni ta' għodod ta' rkupru u riżoluzzjoni, il-KESE jwissi li xi wħud minnhom (l-ippleġġjar intern) ma ġewx ittestjati waqt kriżijiet sistemiċi u għadha ma nġabritx biżżejjed esperjenza dwar l-applikazzjoni tagħhom, li jfisser li għandhom jiġu trattati b'attenzjoni speċjali.

3.3 Il-KESE jilqa' bi pjaċir it-tentattiv li jiġi stabbilit qafas għall-immaniġġjar tal-fallimenti tal-banek b'mod ordnat, u jaċċetta li "minħabba dan ir-riskju sistemiku u l-funzjoni ekonomika importanti li għandhom l-istituzzjonijiet, il-proċedura normali ta' insolvenza tista' ma tkunx xierqa f'xi każi ..." <sup>(4)</sup>. Huwa jagħraf ukoll li kull meta l-interess pubbliku jkun jeħtieġ riżoluzzjoni magħmula b'mod ordnat għall-falliment ta' bank, il-governanza għandha tiġi fdata fidejn **awtorità tar-riżoluzzjoni speċjalizzata** li mhijiex l-awtorità ġudizzjarja. L-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-fatt hija **awtorità amministrattiva** li għandha s-setgħat, li tradizzjonalment kien l-ambitu bla kontestazzjoni tal-awtoritajiet **ġudizzjarji**, u huwa għalhekk li t-trasferiment

<sup>(4)</sup> COM(2012) 280 final, Memorandum ta' Spjegazzjoni, p. 4.

tas-setgħat jeħtieġ ċerti emendi legali. Jista' jkun hemm xi konsegwenzi ta' dan it-trasferiment tas-setgħat:

- is-setgħat tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jiġu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, f'forma ta' qafas leġislativ;
- is-setgħat tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-parlamenti nazzjonali, skont x'jiġi stabbilit fil-livell tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu u jirregolaw it-trasferiment tal-prerogattivi mill-ordni ġudizzjarju għall-awtoritajiet bankarji;
- id-drittijiet tal-partijiet terzi jiġu stabbiliti mill-liġijiet falliment, li għandhom jinbidlu biex jakkomodaw reġim speċjali dwar il-banek, jew għandha tiġi adottata leġislazzjoni separata mill-parlamenti nazzjonali;
- ikun x'ikun il-każ, il-Kummissjoni tagħraf li l-liġijiet emendata għandha tkun konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u speċjalment mad-dritt għall-proprjetà, għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali.

3.4 Il-KESE jaċċetta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li l-ispejjeż tal-qafas huma riżultat ta' żieda possibbli fl-**ispejjeż tal-finanzjament** għall-istituzzjonijiet minħabba t-tneħħija taċ-ċertezza impliċita ta' għajjnuna mill-istat, u l-ispejjeż tal-fondi ta' riżoluzzjoni. Bħall-Kummissjoni, il-Kumitat jinsab imħasseb li daww iż-żidiet fl-ispejjeż jistgħu jiġu trażmessi lill-konsumaturi jew lill-azzjonisti billi jbaxxu r-rati fuq id-depożiti, iżidu r-rati fuq is-self<sup>(5)</sup> u t-tariffi bankarji jew inaqqsu r-redditi fuq l-ekwità. Il-Valutazzjoni tal-Impatt li saret mill-Kummissjoni tgħid li, minkejja li l-ispejjeż tal-iffinanzjar tal-banek huma mistennija li jżidu "kemxejn" l-ispejjeż tal-operat, l-ispejjeż totali tal-operat u tat-tfassil tal-pjani ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni ser ikun negliġibbli jew "immaterjali"<sup>(6)</sup>.

3.5 It-tħassib tal-banek li l-**ispejjeż** mhumiex ser ikunu negliġibbli, ġie kkontestat kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-imsieħba soċjali Il-Kumitat jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni dwar il-benefiċċji potenzjali tal-qafas fuq tul ta' żmien. L-**impatt tal-ispejjeż fuq żmien qasir u medju** fuq il-partijiet interessati kollha għandu jiġi valutat bil-galbu u meqjus minn kull Stat Membru meta dawn ikunu qed ifasslu r-regoli nazzjonali tagħhom, li għandhom iqisu l-bżonnijiet u l-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom.

<sup>(5)</sup> Il-Kummissjoni kkalkulat li spejjeż oġġla għall-finanzjament jistgħu jaffettwaw l-investimenti u jnaqqsu l-PDG b'0.1-0.4 % kull sena, ara l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni, SWD (2012) 166, p. 69 (mhux disponibbli bil-Malti) u SWD (2012) 167.

<sup>(6)</sup> Ibid, p. 68.

3.6 Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' unjoni bankarja b'mekkaniżmu superviżorju uniku u jemmna li l-qafas attwali tal-irkupru u r-riżoluzzjoni għandu jiġi emendat b'konformità mal-operat tal-mekkaniżmu l-ġdid. Fl-istess ħin, il-Kumitat huwa konxju li t-taħlita ta' superviżjoni Ewropea u riżoluzzjoni lokali ma tantx jistgħu joperaw b'suċċess, speċjalment f'każijiet ta' falliment ta' istituzzjonijiet sistemikament importanti li jaħdmu f'diversi Stati Membri. Idealment il-kompetenza Ewropea fir-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-banek għandha tkun komplementata b'kompetenza Ewropea fl-assigurazzjonijiet tar-riżoluzzjoni u d-depożiti<sup>(7)</sup>. Il-Kummissjoni qed tippjana li ttipponi mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni uniku<sup>(8)</sup>, iżda bħalissa huwa diffiċli li wieħed jgħid meta dan jista' jsir realtà.

#### 4. Komentari speċifiċi

##### 4.1 Pjani ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni

4.1.1 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-**ħtieġa għar-riżorsi umani**. It-tfassil ta' pjani ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni huwa **xogħol speċjalizzat ħafna** u l-esperti li jkollhom dan l-għarfien speċjalizzat u l-esperjenza meħtieġa ma jinstabux faċilment fost il-ħaddiema tal-banek u tal-awtoritajiet pubbliċi. Problema kbira għas-**superviżuri u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni** ser tikkonsisti fil-kisba ta' biżżejjeż riżorsi umani b'kapaċitajiet professjonali speċifiċi u żviluppati ħafna. Din il-problema ma tistax tiġi evitata, għax l-affidabbiltà tal-pjani u l-fiduċja fl-adegwatezza ta' kull intervent li jista' jsir, it-tnejn jiddependu fuq il-**kwalità professjonali għolja** tal-istruttura kollha.

4.1.2 Il-KESE jaċċetta l-proposta li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom ifasslu u jaġġornaw il-pjani ta' riżoluzzjoni mill-inqas darba fis-sena. Dawn għandhom jippreżentaw l-alternattivi għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni. Il-Kumitat huwa konvint li l-ippjanar u l-aġġornar tar-riżoluzzjonijiet, kemm individwalment kif ukoll fi gruppi, jitjiebu jekk il-banek ukoll ikunu involuti fil-proċess, kif issuġġerit mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2010) 579 final<sup>(9)</sup> u d-dokument tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva<sup>(10)</sup>, iżda li ma jintqalx b'mod espliċitu fid-Direttiva. Fejn ikun f'postu, għandhom jifittxu wkoll il-pariri professjonali ta' partijiet interessati oħrajn li jistgħu jiġu affettwati mill-pjani ta' riżoluzzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti, pereżempju organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, rappreżentanti tat-trejdjunjins, eċċ.

4.1.3 L-involvement tal-awtoritajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni flimkien mal-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jkunx biżżejjeż meta l-pjani jkunu jridu jiġu valutati fil-kuntest tal-interess pubbliku. Il-banek ċentrali jinsabu fl-aħjar qagħda biex

<sup>(7)</sup> Ara r-Rapporti tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku, Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku - "Forbearance, resolution and deposit insurance", Nru 1/Lulju 2012, p. 23

<sup>(8)</sup> Ara COM(2012) 510 final.

<sup>(9)</sup> Ara COM (2010) 579 final, Qafas tal-UE għall-Immaniġjar tal-Kriżijiet fis-Settur Finanzjarju, p. 6.

<sup>(10)</sup> Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni, SWD (2012) 166 (mhux disponibbli bil-Malti), p. 26 u SWD (2012) 167.

iwettqu dan it-tip ta' valutazzjonijiet. Il-valutazzjonijiet dwar jekk il-pjani ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni individwali ta' diversi istituzzjonijiet jistgħux jiġu implimentati simultanament f'sitwazzjonijiet sistemiċi, u sa fejn is-soluzzjonijiet individwali ser jaffettwaw is-sistema finanzjarja kollha kemm hi f'kuntest nazzjonali jew transkonfinali, jeħtieġu approċċ makroprudenzjali. Minħabba l-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom, il-banek ċentrali jinsabu fl-aħjar qagħda biex japplikaw dan l-approċċ u l-KESE jirrakkomanda li jitħallew jieħdu sehem fil-valutazzjoni tal-pjani ta' rkupru u riżoluzzjoni fil-kuntest tal-interess pubbliku, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rispettata kompletament l-indipendenza tagħhom. Forsi fil-ġejjieni, il-BĊE, kemm bħala Bank Ċentrali kif ukoll bħala Awtorità Superviżorja Unika, għandu jwettaq ukoll valutazzjonijiet simili fuq il-pjani tal-banek.

4.1.4 Ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità rigward l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-pjani ta' rkupru u riżoluzzjoni tagħhom għandhom jissaħħu. Dispożizzjonijiet speċjali fid-Direttiva għandhom jiggarrantixxu li l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni rilevanti tiġi rispettata b'mod strett mill-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati kollha involuti fl-abbozzar, l-aġġornar u l-valutazzjoni tal-pjani ta' rkupru u riżoluzzjoni tal-banek.

## 4.2 Għajnuna Finanzjarja Intragrupp

4.2.1 Il-KESE jilqa' bi pjaċir id-dispożizzjonijiet proposti li jippermettu l-introduzzjoni ta' regoli u kundizzjonijiet armonizzati li taħtom għandu jiġi pprovdut l-appoġġ finanzjarju għewwi l-grupp, iżda fl-istess ħin iwissi li l-protezzjoni tal-interessi u d-drittijiet taċ-ċessjonarji u tat-trasferituri għandha tkun bilanċjata tajjeb meta jkun hemm nuqqas ta' qbil fosthom dwar l-appoġġ. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(1) u jinnota li r-rekwiżit fl-Artikolu 19(1)(f) għandu jitwessa' biex jinkludi wkoll kwalunkwe **rekwiżit ta' fondi proprji oġhla u likwidità** imposti mir-regolaturi tal-pajjiż tat-trasferitur.

## 4.3 Maniġment speċjali

4.3.1 Il-kundizzjonijiet ewlenin li jiskattaw il-ħatra ta' maniġer speċjali, kif stipulati fl-Artikolu 24(1), huma kwistjoni li trid titwieżen mill-awtoritajiet kompetenti<sup>(11)</sup>. Il-Kumitat jagħraf il-ħtieġa ta' skattaturi mhux vinkolanti u flessibbiltà akbar li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jkollhom ċerta setgħa, iżda meta jitqiesu **r-rwol u s-setgħat sinifikanti** mogħtija lill-maniġers speċjali, jitħeġġeġ livell oġhla ta' ċertezza għall-istituzzjonijiet billi jiġu **introdotti regoli u kundizzjonijiet ta' skattatura espliċiti u definiti b'mod aktar ċar**. L-esperjenza wriet li s-sinjali bikrin ta' twissija ta' sikwit ikunu ta' **natura kwalitattiva**, li ħafna drabi jinqabdu permezz tal-**esperjenza u l-ħila tas-superviżuri** jew permezz ta' intelliġenza effiċjenti, aktar milli mill-kompjuters u n-numri. F'dawn il-każijiet,

fl-assenza ta' regoli definiti b'mod ċar li jeżentawhom mir-responsabbiltà għall-ġudizzju tagħhom, is-superviżuri jistgħu jżommu lura milli jieħdu l-inizjattiva, u b'hekk jitolbu opportunità prezzjuża għal intervent bikri u f'waqtu. Regoli u kundizzjonijiet ta' skattatura definiti b'mod ċar huma essenzjali wkoll għax f'każijiet ta' mmaniġġjar ħażin reali jew meqjus tali, partijiet terzi jistgħu jitolbu rimedju mhux biss kontra l-maniġer speċjali għal responsabbiltà personali, iżda kontra s-superviżuri talli jkunu taw **ġudizzju ħażin meta hađu d-deċiżjoni li kien hemm bżonn tinbeda proċedura ta' intervent bikri, jew fl-għażla tagħhom tal-maniġer speċjali maħtur**.

4.3.2 Id-Direttiva tintroduċi ċerta sekwenza fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' intervent bikri differenti. Il-ħatra ta' Maniġer Speċjali hija miżura ta' intervent bikri intrużiva ħafna li għandha tiġi applikata wara li jkun diġà intużaw il-miżuri inqas intrużivi l-oħra kollha. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni tmur ħafna għall-aġar f'temp qasir wisq u jkollu jinħatar maniġer speċjali mingħajr l-istennija li jiġu implimentati l-miżuri ta' intervent bikri inqas intrużivi proposti fl-Artikolu 23(1). F'dawn il-każijiet għandu jkun possibbli li jinħatar maniġer speċjali anke jekk ma tkunx intlaħqet waħda mill-kundizzjonijiet ta' skattatura deskritti fl-Artikolu 24 (jiġifieri "miżuri oħra li jittieħdu skont l-Artikolu 23 mhumiex biżżejjed biex jirriversjaw dik id-deterjorazzjoni").

4.3.3 Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra s-sitwazzjoni fejn il-ħatra ta' maniġer speċjali tista' tikkawża paniku bankarju, u jħeġġiġha wkoll tipproponi miżuri adegwati li jevitaw dan. F'ċerti każijiet u sitwazzjonijiet, il-ħatra ta' maniġer speċjali tista' tkun sinjal lis-suq li l-bank għaddej minn diffikultajiet finanzjarji serji u dan jista' jwassal għal paniku bankarju fuq id-depożiti tiegħu. Is-sitwazzjoni tista' tkun aktar diffiċli jekk jinħatru diversi maniġers speċjali għal diversi banek fl-istess ħin fil-livell nazzjonali u transkonfinali u s-settur jgħaddi minn perjodu ta' paniku bankarju u ta' kriżi ta' fiduċja. Il-Kumitat jinsab konvint li fid-Direttiva għandhom jiġu stabbiliti ċerti dispożizzjonijiet biex jiġi evitat li jseħħu żviluppi simili fil-fażi tal-intervent bikri. L-Awtorità Superviżorja Unika futura għandu jkollha pożizzjoni b'saħħitha u tkun mgħammra adegwatament biex tindirizza b'mod effettiv sitwazzjonijiet simili f'waqthom.

## 4.4 Riżoluzzjoni

4.4.1 Is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-awtorità tar-riżoluzzjoni għandhom bżonn jiġu ċċarati aktar. Filwaqt li l-awtoritajiet/superviżuri kompetenti huma responsabbli mill-intervent bikri, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni huma responsabbli mill-għażla u l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni. Madankollu, f'xi każijiet ċerti responsabbiltajiet jitwettqu kemm mis-superviżuri kif ukoll mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni. Pereżempju l-Artikolu 27(1)(a) jiddikjara li "l-awtorità kompetenti jew l-awtorità tar-riżoluzzjoni tiddetermina li l-istituzzjoni qed tfalli jew probabbli tfalli". Skont l-għażliet li jkunu għamlu l-Istati Membri, is-superviżuri jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet tal-awtorità tar-riżoluzzjoni iżda ż-żewġ funzjonijiet għandhom

<sup>(11)</sup> L-awtoritajiet kompetenti jridu jwieżnu meta u jekk sehhit "deterjorazzjoni sinifikanti fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni", "ksur serju tal-liġi ...", "irregolaritajiet amministrattivi serji u miżuri oħra li jittieħdu skont l-Artikolu 23 mhumiex biżżejjed biex jirriversjaw dik id-deterjorazzjoni ...".

ikunu separati sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' tolleranza<sup>(12)</sup>. Il-Kumitat ihegġegħ li tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn il-missjoni u r-responsabbiltajiet tas-superviżuri u dik tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, kif ukoll l-iskeda tal-intervent tagħhom. Il-Kumitat jemmen li l-proċeduri tal-valutazzjoni u tan-notifika dwar il-kundizzjonijiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu bbażati fuq distinzjonijiet ċari bejn ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet differenti involuti u għandhom jiġu ssemplifikati sabiex id-deċizzjoni u l-eżekuzzjoni tar-riżoluzzjoni jsiru aktar malajr.

4.4.2 Ir-reqwiżit li l-**korps manijerjali** ta' istituzzjoni għandu **jinnotifika lill-awtorità kompetenti** meta jikkunsidra li l-istituzzjoni qed tfalli jew probabbli li tfalli ikun pjuttost xieraq, ħlief għal dubju dwar meta korps manijerjali ta' istituzzjoni għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti. L-esperjenza tal-imgħoddi wriet li n-notifika tista' tittardja għal diversi raġunijiet, fosthom minħabba dubji dwar il-konformità mar-regoli tar-reqwiżit kapitali. Il-KESE jemmen li jekk l-inizjattiva titħalla kompletament għad-diskreżjoni tal-manijement tal-bank, **id-deċizzjoni tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tista'** tittieħed tard wisq. L-Artikolu 74 m'għandu jħalli l-ebda dubju li s-superviżuri għandhom id-dritt u l-opportunità li jinfurmaw lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni mingħajr ma jistennew notifika mill-manijement tal-bank kull meta jqsu li l-kundizzjonijiet biex tiskatta riżoluzzjoni jkunu ntlaħqu iżda n-notifika tkun qed tittardja. L-Artikolu 101(1)(d) u (2) għandu jirrikjedi lill-Istati Membri biex jipprevedu multi għoljin għall-manijers tal-banek li jkunu qed jksru r-regoli tal-Artikolu 74(1), u mhux tal-Artikolu 73(1) kif imniżżel fid-Direttiva.

4.4.3 L-Artikolu 27(1)(c) jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn "azzjoni ta' riżoluzzjoni hija meħtieġa fl-interess pubbliku". Il-valutazzjoni tal-interess pubbliku hija qasam fejn il-banek ċentrali jinsabu fl-aħjar qağħda biex jipprovdw kontribut minħabba l-għarfien expert u l-esperjenza tagħhom fil-valutazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja, il-kontinwità tas-servizzi essenzjali, il-protezzjoni tal-fondi pubbliċi u l-protezzjoni tad-depożitori. Huwa ġust li jiġu inklużi fost l-awtoritajiet li jivvalutaw jekk il-kundizzjonijiet ta' skattatura ta' riżoluzzjoni jkunux intlaħqu, iżda dan għandu jitħalla jsir f'fazzijiet aktar bikrin, speċjalment meta l-valutazzjonijiet isiru għal diversi istituzzjonijiet f'kuntast nazzjonali jew transkonfinali. Forsi fl-unjoni bankarja futura, u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, il-BĊE ser ikun f'pożizzjoni aħjar u mgħammar aħjar biex iwettaq valutazzjonijiet bħal dawn fil-kuntast tal-interess pubbliku kemm fil-kapaċità tiegħu ta' bank ċentrali kif ukoll bħala Awtorità Superviżorja Unika. Il-possibbità

<sup>(12)</sup> COM(2010) 579 final jispjega li kull Stat Membru jidentifika awtorità tar-riżoluzzjoni biex teżerċita s-setgħat tar-riżoluzzjoni. Dan ser jippermetti lill-Istati Membri biex iżommu l-arranġamenti nazzjonali eżistenti li skonthom il-Ministeru tal-Finanzi, il-Bank Ċentrali jew l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti jistgħu jkunu responsabbli għar-riżoluzzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li f'bosta ġurisdizzjonijiet l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni huma separati kif xieraq mis-superviżuri u tqis tali separazzjoni importanti biex jiġu mminimizżati r-riskji ta' tolleranza. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu amministrattiva aktar milli ġudizzjarji.

tal-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni għandu jkun partikolarment ta' għajjnuna minn dan il-lat.

4.4.4 L-interess pubbliku involut fil-falliment tal-banek jiġġustifika **allokazzjoni tat-telf** differenti minn dik li normalment isseħħ fir-reġimi ta' insolvenza; għaldaqstant, il-proposta toħloq ġerarkija speċifika tal-pretensjonijiet, fejn l-azzjonisti jkunu fuq quddiem, u warajhom il-kredituri ordinarji f'ordni stabbilit fl-Artikolu 43. Il-KESE m'għandu l-ebda oġġezzjoni għall-ġerarkija tal-pretensjonijiet proposta, iżda jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-"kredituri", teknikament u legalment, huma wkoll kollha **depożitori/konsumaturi**. Bl-eċċezzjoni tal-"kreditur affettwat", l-Artikolu 2 ma jipprovdw l-ebda definizzjoni għal "kredituri" u "depożitori" u t-tipi differenti tagħhom. Il-KESE jixtieq jara definizzjonijiet ċari ta' dawn it-termini speċjalment meta jitqies li l-klassifikazzjoni tad-depożitori bħala kredituri bħalissa mhijiex armonizzata fl-Istati Membri.

4.4.5 Id-depożiti tal-gvern huma ttrattati b'modi differenti fi Stati Membri differenti. Dawn jistgħu jaqgħu taħt l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-ippleġġjar intern jew jiġu esklużi minnhom, skont jekk jagħmlux parti mid-depożiti koperti, sa ċertu ammont, u skont jekk ikunux titolizzati. Barra minn hekk, id-depożiti tal-gvern, li jaqgħu taħt l-obbligazzjonijiet eliġibbli u jistgħu jkunu soġġetti għall-ippleġġjar intern, huma fil-fatt flus il-kontribwenti. Madankollu, operazzjoni tal-ippleġġjar intern li tuża fondi pubbliċi tista' verament tissejjaħ bħala ippleġġjar intern?

4.4.6 Il-proposta tagħti lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni firxa wiesgħa ta' setgħat biex jistabbilixxu l-klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-ippleġġjar intern. L-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha s-setgħa li tbaxxi l-valur tal-krediti kummerċjali tan-negożji jekk dawn jitqiesu li mhumiex "essenzjali għall-funzjonament ta' kuljum tal-operazzjonijiet" (Artikolu 38(2)(e)(ii)), li jfisser li, pereżempju, il-pretensjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-ikel jew tal-lukandi jista' jtbaxxilha l-valur jekk l-awtorità tar-riżoluzzjoni tiddeċiedi li dawn is-servizzi mhumiex "essenzjali". **L-ugwaljanza bejn il-kredituri** hija pilastru tal-proċeduri kollha ta' insolvenza u **għandha tiġi rispettata** anke f'dan il-każ.

4.4.7 Il-KESE jifhem il-bżonn li jiġi żgurati fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet jidher ammont biżżejjed ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jistgħu jkunu soġġetti għas-setgħat tal-ippleġġjar intern. Il-ħruġ ta' strumenti ta' dejn li jistgħu jkunu soġġetti għall-ippleġġjar intern jistgħu jippreżentaw diffikultà għax id-differenza bejn id-dejn subordinat u d-dejn ta' preferenza mhux garantita li tonqos. Fi swieq inqas żviluppatti hemm ċans li dan ikun aktar diffiċli, għali jew saħansitra impossibbli f'perjodi ta' kriżi, speċjalment fi kriżijiet sistemiċi.

Il-Kumitat jirrakkomanda li l-proposta għall-applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżit minimu għal obbligazzjonijiet eliġibbli fil-livell tal-Unjoni, li trid tiġi żgurata permezz ta' atti delegati tal-Kummissjoni, titqies u tiġi kkalibrata bil-galbu, billi jiġi kkunsidrat kemm hu żviluppat is-suq finanzjarju lokali f'kull Stat Membru.

4.4.8 L-għodda tal-ippjegġjar intern jeħtieġ aktar spjegazzjonijiet u kjarifiki. Sabiex jitnaqsu kemm jista' jkun kwalunkwe incertezzu fost l-investituri, għandhom jiġu introdotti regoli ċari dwar ir-responsabbiltajiet eliġibbli u l-kundizzjonijiet ta' limitu għall-ippjegġjar intern.

#### 4.5 Kwistjonijiet legali: drittijiet ta' partijiet terzi

4.5.1 Id-drittijiet tal-partijiet terzi jiġu fit-tieni post meta mqabbla ma' dawk rikonoxxuti mil-liġijiet ta' insolvenza fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-kunsiderazzjoni tal-**interest pubbliku tiġi qabel il-protezzjoni tad-drittijiet privati** u l-allokkazzjoni tat-telf issewgi loġika differenti. L-Artikolu 78 jagħmel possibbli li d-deċiżjoni tal-awtorità tar-riżoluzzjoni tiġi kkontestata fil-qorti, iżda jirrestrinġi din il-possibbiltà għal-legalità tad-deċiżjoni għal riżoluzzjoni, il-mod kif ġiet implimentata d-deċiżjoni u l-adegwatezza ta' xi kumpens li jkun ingħata. Id-deċiżjonijiet tal-awtorità tar-riżoluzzjoni ma jistgħux jitwaqqfu u lanqas ma jistgħu jiġu sospiżi b'mod awtomatiku. Anke f'każ li tiġi annullata deċiżjoni tal-awtorità tar-riżoluzzjoni, id-drittijiet tal-partijiet terzi huma limitati għal kumpens għat-telf imġarrab (Artikolu 78(2)(d)).

4.5.2 Femerġenza bħalma hi t-theddida ta' falliment ta' bank, il-proċeduri normali tal-insolvenza żgur li mhumiex adegwati; madankollu, il-firxa wiesgħa ta' setgħat mogħtija lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, flimkien mad-dritt limitat għal rimedju mogħti lil partijiet terzi, **iqajmu tħassib dwar is-solidità legali tal-qafas propost**. F'ħafna Stati Membri, speċjalment dawk li jimxu abbażi ta' ġurisdiżjoni ta' liġi komuni, il-qrati x'aktarx jipproteġu d-drittijiet tagħhom li jisimgħu każijiet dwar talbiet ta' reviżjoni ġudizzjarja ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn awtorità amministrattiva, meta individwu jew grupp ikunu jistgħu juru li sofrew b'riżultat ta' dik id-deċiżjoni.

4.5.3 It-tħassib espress fil-paragrafu t'hawn fuq ġie kkontestat f'diversi ċirkoli, kemm għal raġunijiet legali kif ukoll soċjali; għaldaqstant il-KESE jħalli l-evalwazzjoni f'idejn l-entitajiet legiſlattivi. Madankollu, huwa jiġbed l-attenzjoni għal aspekt li għandu ċerta importanza: jekk xi ħadd iħoss li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jew l-amministraturi kellhom **imġiba professjonali ħażina ħafna**, l-imħallfin biss igawdu mit-tip ta' immunità għal deċiżjonijiet meħuda fil-qrati, iżda l-ebda liġi jew regolament ma jistgħu jestendu dan il-privileġġ għal awtorità amministrattiva bħall-awtorità tar-riżoluzzjoni; f'dan il-każ l-amministrazzjoni pubblika tkun qed **tissogra li l-qrati jżommuha responsabbli għad-danni**. F'dak il-każ, kwalunkwe ammonti li jitħallsu għad-danni jkunu *flus pubbliċi*.

#### 4.6 Finanzjament tar-riżoluzzjonijiet

4.6.1 Il-Kummissjoni diġà indirizzat il-finanzjament tar-riżoluzzjoni f'żewġ Komunikazzjonijiet - waħda dwar Fondi ta' Riżoluzzjoni Bankarja u l-oħra dwar Qafas tal-UE għall-Immaniġjar tal-Kriżijiet fis-Settur Finanzjarju<sup>(13)</sup>. Il-proposta attwali għal Direttiva tispeċifika aktar il-proposti espressi qabel f'żewġ Komunikazzjonijiet. Il-KESE diġà spjega l-fehmiet tiegħu dwar dawn iż-żewġ Komunikazzjonijiet f'żewġ Opinjonijiet<sup>(14)</sup>. F'żewġ każijiet il-Kumitat esprima l-appoġġ tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni biex tintroduċi netwerk armonizzat ta' Fondi ta' Riżoluzzjoni nazzjonali *ex ante* u rakkomanda li n-netwerk jitfassal bil-galbu filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi f'kull Stat Membru.

4.6.2 Id-Direttiva tipproponi li l-ispejjeż tar-riżoluzzjoni li mhumiex koperti mill-azzjonisti u l-kredituri għandhom jinħarġu minn fondi addizzjonali pprovduti mill-industrija tal-banek; jista' jsir rikors għal għajna mill-fondi ta' garanzija tad-depożiti kull meta jkun meħtieġ. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-introduzzjoni ta' regoli armonizzati abbażi tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-fondi ta' garanzija tad-depożiti u l-fondi ta' riżoluzzjoni. Il-kriterji għall-kontribuzzjoni *ex ante* għall-fondi ta' riżoluzzjoni jidhru li huma adegwati u realistiki fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali; madankollu, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji jistgħu jinbidlu f'daqqa waħda, kif rajna f'dawn l-aħħar snin. Fid-dawl tal-fatt li fond ta' riżoluzzjoni jieħu għaxar snin biex ikopri l-ispejjeż kompletament, il-KESE jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' **regola li permezz tagħha l-kriterji għall-kontribut jiġu riveduti minn żmien għall-ieħor**.

4.6.3 Il-KESE jifhem il-bżonn għas-solidarjetà u jaċċetta l-proposta li jsir self bejn arranġamenti ta' finanzjament (Artikolu 97) u l-mutwalizzazzjoni ta' arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp (Artikolu 98). Madankollu, l-implimentazzjoni tal-mutwalizzazzjoni proposta tal-arranġamenti finanzjarji qabel ma l-arranġamenti finanzjarji jkunu laħqu l-kapaċità mmirata tagħhom u ċertu livell ta' armonizzazzjoni ser tkun iebes. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jaċċettaw li l-fondi ta' riżoluzzjoni u l-fondi ta' garanzija tad-depożiti tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq fondi *ex ante*, iżda ċerti Stati Membri xorta waħda jippreferu l-fondi *ex post*. Ir-rekwiżiti tal-Artikoli 97(2) u 98 ser ikunu problematiċi għall-pajjiżi fejn il-banek ċentrali ma jitħallew isellfu f'konformità mal-Artikoli 96 u 98. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi passi u rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jingħelbu d-diffikultajiet u jitgħaġġel il-proċess tal-armonizzazzjoni.

<sup>(13)</sup> Ara COM(2010) 254 final u COM(2010) 579 final.

<sup>(14)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar Fondi ta' Riżoluzzjoni Bankarja", ĠU C 107 tas-6.4.2011, p. 16, u l-Opinjoni tal-KESE dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ċentrali Ewropew - Qafas tal-UE għall-Immaniġjar tal-Kriżijiet fis-Settur Finanzjarju", ĠU C 248 tal-25.8.2011, p. 101.

4.6.4 Filwaqt li jaċċetta l-benefiċċji potenzjali minn sinerġija possibbli ta' istituzzjoni waħda għall-fondi ta' garanzija tad-depożiti u l-fondi ta' riżoluzzjoni, dan it-tip ta' arranġament għalissa għadu diffiċli għal xi Stati Membri, meta jitqies il-fatt li ħafna fondi ta' garanzija tad-depożiti mhumiex finanzjati biżżejjed. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir l-approċċ tal-Kummissjoni li jippermetti lil kull Stat Membru jiddeċiedi jekk jippreferix ikollu arranġament ta' finanzjament (fondi) wieħed jew tnejn. Fl-istess ħin il-KESE jirrakkomanda li din id-Direttiva tintroduċi dispożizzjonijiet li jiggwarantixxu li kull fond ta' garanzija tad-depożiti jkun jista' jwettaq il-funzjoni ewlenija tiegħu li dejjem jipproteġi lid-depożituri fil-livell tal-konsumaturi.

4.6.5 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-isforz tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Arranġamenti ta' Finanzjament, li għandha tiżgura li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għal regoli ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni ugwalment effettivi. L-iżgurar ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni effettiv u b'kundizzjonijiet ugwali fl-Istati Membri kollha huwa fl-aqwa interess ta' kull Stat Membru kif ukoll tas-suq finanzjarju uniku, minħabba li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni. Il-Kumitat jħeġġeġ l-introduzzjoni kemm jista' jkun malajr ta' pjan direzzjonali realistiku għall-istabiliment tas-sistema futura tal-arranġamenti għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni.

Brussell, 12 ta' Diċembru 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---